# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Diċembru, 2019**

**Numru 10**

**Rikors Numru 988/19 TA**

**E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited [Reg. Nru. C-4729]**

**vs**

**Kristina Raczova [Karta tal-Identita 110751A]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors ġuramentat preżentat fis-17 ta' Ottubru 2019 mis-soċjeta` attriċi u maħluf minn Mario Cutajar f'isem l-istess soċjeta`, li bih is-soċjeta` attriċi ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"1. Illi l-istanti soċjeta` biegħet u kkonsenjat lill-imħarrka `catering equipment` li ta l-aħħar aċċettat, akwistat u xtrat, li l-bilanc dovut hu ta' ħmistax-il elf, erbgħa mija, ħamsa u sittin ewros u tmintax-il ċentezmu tal-ewro (€15,465.18).

2. Illi għalkemm interpellata tħallas l-imsemmi ammont ta' ħmistax-il elf, erbgħa mija, ħamsa u sittin ewros u tmintax-il ċenteżmu tal-ewro (€15,465.18), l-intimata baqgħet inadempjenti.

3. Illi nonostante tali diversi nterpellazzjonijiet personali, l-intimati baqgħet qatt ma ressqet biex tħallas, la *in parte* u anqas *in toto*.

4. Illi għalhekk, illum il-ġurnata, l-ammont li hu dovut u spettanti lill-istanti fl-ammont ta' ħmistax-il elf, erbgħa mija, ħamsa u sittin ewros u tmintax-il ċentezmu tal-ewro (€15,465.18), bl-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) fuq tali ċifra dekorribbli mid-data li tidher fl-istatement hawn anness.

5. Illi l-indikat ammont jikkostitwixxi dejn li l-imħarrka għandha fil-konfront ta' l-istanti u tali dejn hu wiehed ċert, likwidu u dovut hekk kif jirriżulta wkoll mid-dikjarazzjoni ġuramentata hawn annessa.

6. Illi, sa fejn jaf l-istanti, l-intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tissolleva.

7. Illi għalhekk is-soċjeta' kellha tressaq il-preżenti proċeduri sabiex teziġi u tottjeni l-pagament ta' l-ammont bilanċjali, oltre imgħax u spejjeż, hawn fuq indikat.

<u>Talbiet</u>

Igħidu għalhekk l-imħarrka intimata għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti joġgħobha:-

1. Fl-ewwel lok, tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* tal-Artikolu 167 *et seq* tal-*Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili* (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) *in vista* tad-dikjarazzjoni ġuramentata hawn annessa u mmarkata bħala "Dok: B"; u

2. Fit-tieni lok, tiddikjara l-intimata bħala debitriċi *versu* s-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' ħmistax-il elf, erbgħa mija, ħamsa u sittin ewros u tmintax-il ċenteżmu tal-ewro (€15,465.18);

3. Fit-tielet lok, tikkundanna lill-intimata tħallas lis-soċjeta' attriċi l-imsemmi ammont ta' ħmistax-il elf, erbgħa mija, ħamsa u sittin ewros u tmintax-il ċenteżmu tal-ewro (€15,465.18).

> Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid ippreżentati kontestwalment ma' din il-kawża u bl-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) skont il-Liġi dekorribbli mid-dati ta' kunsinna kif imniżżla fl-istatement hawn anness sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenuta li hija minn issa msejħa għas-subizzjoni tagħha."

Rat id-dokumenti kollha annessi mal-istess rikors ġuramentat;

Rat li l-konvenuta debitament notifikata kif trid il-liġi fid-29 ta' Ottubru, 2019 bir-rikors ġuramentat, avviz tas-smiegħ u digriet tal-Qorti tal-21 ta' Ottubru, 2019 li bih appuntat il-kawża għas-smiegħ għad-19 ta' Novembru, 2019;

Rat li l-konvenuta minkejja notifikata kemm bl-avviż ta' smiegħ u anke bid-digriet ta' din il-Qorti baqgħet ma dehritx għas-seduta fuq imsemmija;

Semgħet ix-xhieda ta' Mario Cutajar fis-seduta tad-19 ta' Novembru, 2019;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Din hija kawża ai termini tal-artikolu 167 et sequens tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-ammont li qiegħed jintalab mis-Soċjeta` Attriċi jirriżulta li huwa ċert, likwidu u dovut u li Mario Cutajar, direttur tas-

Soċjeta` Attriċi jiddikjara li ma jafx li l-konvenuta għandha xi eċċezzjonijiet x'taghti. L-ammont, kemm mid-dokumenti u anke kif ikkonfermat mill-imsemmi Mario Cutajar fix-xhieda tiegħu, jirriżulta ampjament dovut. Di piu' il-konvenuta ma uriet ebda interess li tikkontestah tant li lanqas dehret, minkejja notifikata kif trid il-liġi, biex topponi għall-proċedura bid-dispensa tas-smiegħ.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tħoss li t-talbiet tas-Soċjeta` Attriċi ġew ipprovati.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:-

**Tilqa'** t-talbiet attriċi billi tiddisponi mis-smiegħ tal-kawża ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara lill-konvenuta debitriċi versu s-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' ħmistax-il elf, erbgħa mija, ħamsa u sittin ewro u tmintax-il ċenteżmu tal-ewro (€15,465.18) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-Soċjeta` Attrici l-ammont ta' ħmistax-il elf, erbgħa mija, ħamsa u sittin ewro u tmintax-il ċenteżmu tal-ewro (€15,465.18) bl-imgħaxijiet kif mitluba sal-pagament effettiv.

Spejjeż tal-kawża, tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid ippreżentati kontestwalment ma' din il-kawża a` karigu tal-konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**